

Brussell, 17 ta' Ottubru 2016
(OR. en)

13342/16

ENV 660
CLIMA 140
AGRI 553
IND 213
PROCIV 69
RELEX 845
MED 51
DEVGEN 223

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

fi: 17 ta' Ottubru 2016

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 12681/16 ENV 614 CLIMA 121 AGRI 508 IND 202 PROCIV 62
RELEX 802 MED 45 DEVGEN 208

Suġġett: Immaniġġar Sostenibbli tal-Ilma
- konklużjonijiet tal-Kunsill (17 ta' Ottubru 2016)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Immaniġġar Sostenibbli tal-Ilma, adottati mill-Kunsill fit-3491 laqgħa tiegħu li saret fis-17 ta' Ottubru 2016.

Immaniġġar Sostenibbli tal-Ilma**- konklużjonijiet tal-Kunsill -**

WAQT LI JFAKKAR fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-diplomazija tal-UE fil-qasam tal-ilma tat-22 ta' Lulju 2013¹; dwar Blueprint għas-salvagwardja tar-riżorsi tal-ilma tal-Ewropa tas-17 ta' Diċembru 2012²; dwar il-Protezzjoni tar-riżorsi tal-ilma u ġestjoni tal-ilma sostenibbli u integrata fl-UE u lil hinn minnha tal-21 ta' Ġunju 2011³; dwar l-Immaniġġar integrat tal-ġhargħar fl-UE tat-12 ta' Mejju 2011⁴; dwar l-Iskarsezza tal-ilma, in-nixfa u l-adattament għat-tibdil fil-klima tal-11 ta' Ġunju 2010⁵; dwar l-Iskarsezza tal-ilma u nixfiet tat-30 ta' Ottubru 2007⁶; u dwar il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għall-Ekonomija Ċirkolari tal-20 ta' Ġunju 2016⁷;

WAQT LI JFAKKAR fl-istrumenti leġislattivi prinċipali tal-UE dwar il-politika dwar l-ilma, b'mod partikolari d-Direttiva Qafas tal-UE dwar l-Ilma (WFD)⁸, id-Direttiva dwar l-Għargħar (FD)⁹ u d-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina (MFSD)¹⁰;

WAQT LI JFAKKAR fil-Programm Ġenerali ta' Azzjoni Ambjentali tal-Unjoni sal-2020 "Nġhixu tajjeb, fil-limiti tal-pjaneta tagħna"¹¹, u d-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali¹², u b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet tagħhom relatati mal-ilma;

WAQT LI JFAKKAR fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rieżami ta' Nofs il-Mandat dwar l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità sal-2020 tas-16 ta' Diċembru 2015¹³, u b'mod partikolari l-kwistjonijiet relatati mal-bijodiversità tal-ilma ħelu u tal-baħar;

¹ Dok. 12493/13.

² Dok. 17872/12.

³ Dok. 11308/11.

⁴ Dok. 9241/11 + COR 1.

⁵ Dok. 11061/10.

⁶ Dok. 13888/07.

⁷ Dok. 10518/16.

⁸ Direttiva 2000/60/KE tat-23 ta' Ottubru 2000 (ĠU L 327, 22.12.2000, p.1).

⁹ Direttiva 2007/60/KE tat-23 ta' Ottubru 2007 (ĠU L 288, 6.11.2007, p. 27).

¹⁰ Direttiva 2008/56/KE tas-17 ta' Ġunju 2008 (ĠU L 164, 25.6.2008, p.19).

¹¹ Deċiżjoni 1386/2013/UE tal-20 ta' Novembru 2013 (ĠU L 354, 28.12.2013, p.171).

¹² Direttiva 2010/75/UE tal-24 ta' Novembru 2010 (ĠU L 334, 17.12.2010, p.17).

¹³ Dok. 14950/15.

WAQT LI JFAKKAR fl-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tagħha u WAQT LI JENFASIZZA li d-dispożizzjonijiet tagħha relatati mal-ilma, b'mod partikolari, SDG 6 (L-iżgurar tad-disponibbiltà u l-ġestjoni sostenibbli tal-ilma u s-sanità għal kulħadd), SDG 13 (It-teħid b'urġenza ta' miżuri għall-għieda kontra t-tibdil fil-klima u l-effetti tiegħu), SDG 14 (Il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tal-oċeani, l-ibħra u r-riżorsi tal-baħar għall-iżvilupp sostenibbli) u l-miri relatati tagħhom;

WAQT LI JFAKKAR fil-Qafas ta' Sendai għat-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri 2015-2030 li, fost l-oħrajn, għandu l-għan li jżid ir-reżiljenza għas-soċjetà u l-ambjent, u l-Prinċipji tal-OECD dwar il-Governanza tal-Ilma milqugħa fil-Laqgħa tal-Kunsill Ministerjali tal-OECD fl-4 ta' Ġunju 2015;

WAQT LI JILQA' d-dħul fis-seħħ tal-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Mogħdijiet tal-Ilma¹⁴ u l-Konvenzjoni dwar l-Ilma tal-UNECE¹⁵ li saret strument globali; WAQT LI JIRRIKONOXXI r-rwol importanti taż-żewġ Konvenzjonijiet fil-promozzjoni u l-iffaċilitar tal-immaniġġar sostenibbli tal-ilmijiet transkonfinali; u WAQT LI JENFASIZZA r-rwol tal-Konvenzjonijiet tal-Baħar fl-implimentazzjoni tal-MFSD;

WAQT LI JFAKKAR fl-eżitu tas-Seba' Forum Dinji dwar l-Ilma li, fost l-oħrajn, għaraf il-ħtieġa urġenti li jiġu indirizzati sfidi relatati mal-ilma b'mod sostenibbli¹⁶, kif ukoll ir-Rapport tal-2016 dwar ir-Riskju Globali tal-Forum Ekonomiku Dinji, li jqiegħed l-ilma fit-tielet post tal-akbar għaxar riskji li jista' jkollhom impatt negattiv sinifikanti għas-soċjetà u l-ekonomija;

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

1. JAGĦRAF li l-ilmijiet tal-Unjoni Ewropea jinsabu taħt pressjoni, ikkawżata fost l-oħrajn mit-tniġġis tal-ilma, iż-żieda fid-domanda għall-ilma, u l-veloċità u l-intensità tal-użu tal-art u l-impatti tat-tibdil fil-klima, li tikkomprometti s-sigurtà tal-ilma u tintensifika l-effetti negattivi tan-nixfa u l-iskarsezza tal-ilma, partikolarment fiż-żona tal-Mediterran iżda dejjem aktar ukoll f'żoni oħra tal-UE;

¹⁴ Il-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Liġi tal-Użu mhux Navigazzjonali tal-Mogħdijiet tal-Ilma Internazzjonali (1997).

¹⁵ Il-Konvenzjoni UNECE fuq il-Protezzjoni u l-Użu ta' Passaġġi tal-Ilma Transkonfinali u Għadaġġar Internazzjonali (1992).

¹⁶ Id-Dikjarazzjoni Ministerjali adottata fis-Seba' WWF fit-13 ta' April 2015 f'Gyeongju, ir-Repubblika tal-Korea.

2. JAGĦRAF li t-tibdil fil-klima u l-effett taż-żieda ta' xita qawwija, kif ukoll l-użu intensiv tal-art, jistgħu jikkawżaw għargħar f'daqqa u jbiddu l-fenomeni tal-għargħar fl-Ewropa kollha;
3. JIRRIKONOXXI li filwaqt li proporzjon għoli ta' baċini ta' xmajjar fl-Ewropa huma maqsumin bejn żewġ Stati Membri jew aktar, ir-reġjuni tal-UE għandhom ġeografija fiżika, kundizzjonijiet ambjentali u klimatiċi differenti li jinfluwenzaw l-aspetti kollha tas-soċjetà u l-ekonomija, inkluż l-immaniġġar tal-ilma; JISSOTTOLINJA li l-flessibilità f'termini ta' miżuri hija għalhekk meħtieġa sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-politika dwar l-ilma tal-UE; u JIRRIKONOXXI li peress li soluzzjoni waħda mhijiex tajba għal kulħadd, l-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri mfasslin għal ħtiġijiet u kundizzjonijiet speċifiċi, filwaqt li jirrispettaw il-leġislazzjoni tal-UE;
4. JISĦAQ fuq il-ħtieġa li l-politika eżistenti dwar l-ilma tal-UE tiġi implimentata b'mod sħiħ b'mod koerenti u effettiv u li jinkisbu l-oġettivi tal-acquis tal-ilma tal-UE u JENFASIZZA l-importanza li jiġi żgurat il-ħarsien tal-ilmijiet kontra d-deterjorament tal-istatus tagħhom u li tiġi żgurata provvista suffiċjenti ta' ilma ta' kwalità tajba għall-popolazzjoni u għall-użijiet sostenibbli l-oħra kollha, b'mod partikolari billi
 - jiġi promoss l-użu sostenibbli tal-ilma bbażat fuq protezzjoni adegwata u l-immaniġġar tar-riżorsi tal-ilma, filwaqt li jittieħed kont kemm tal-aspetti kwantitattivi kif ukoll ta' dawk kwalitattivi;
 - jiġu protetti l-korpi tal-ilma kollha u progressivament jinġiebu fi status tajjeb, skont l-oġettivi ewlenin tad-WFD;
 - jiġu promossi approċċi integrati u aktar effettivi ġodda għall-ġbir u t-trattament tal-ilma urban mormi;
5. JAPPREZZA l-progress li sar s'issa u JIRRIKONOXXI l-isfidi biex jintlaħqu l-oġettivi tal-politika dwar l-ilma tal-UE u l-istatus tajjeb tal-ilmijiet kollha tal-UE; JISSOTTOLINJA l-importanza tal-koerenza tal-politika f'dan ir-rigward; u JENFASIZZA li l-oġettivi tal-politika dwar l-ilma tal-UE, inkluż l-użu sostenibbli u l-immaniġġar tal-ilma, għandhom jiġu integrati aħjar f'politiki rilevanti oħra bħall-ikel, l-agrikoltura, is-sajd, l-enerġija, it-trasport, l-industrija, il-ġestjoni tat-territorju, l-iżvilupp urban u t-turiżmu fil-livelli kollha, kif ukoll f'mekkaniżmi finanzjarji rilevanti tal-UE;

6. JISTIEDEN lill-Istati Membri biex ifittxu taħlita bbilanċjata ta' infrastruttura ekoloġika u teknika meta jagħżlu l-modi u l-mezzi biex jintlaħqu l-oġettivi tal-politika dwar l-ilma tal-UE; JENFASIZZA li l-użu ta' miżuri ta' infrastruttura ekoloġika, bħaż-żamma tal-ilma naturali jistgħu jissalvagwardjaw u jżidu l-potenzjal ta' ħżin tal-ilma tal-pajsaġġ, tal-ħamrija, u tal-akwiferi, u b'hekk jitnaqqas ir-riskju ta' għargħar u jitjieb l-istatus tal-korpi tal-ilma; u JAGĦRAF li l-miżuri ta' infrastruttura teknika jistgħu jkunu meħtieġa biex jiġu ttrattati n-nixfiet u l-għargħar;
7. JENFASIZZA l-importanza ta' konsum u produzzjoni sostenibbli (SCP) u tal-ekonomija ċirkolari bħala mezzi biex jinkiseb l-użu sostenibbli u l-immaniġġar tar-riżorsi naturali, inkluż l-ilma u r-riżorsi tal-ilma mormi; u JENFASIZZA li l-immaniġġar sostenibbli tal-ilma u l-ippjanar tajjeb tal-immaniġġar tal-baċini tax-xmajjar huma prerekwiżiti biex tinkiseb ekonomija ċirkolari;
8. JENFASIZZA l-importanza li jitnaqqas il-konsum tal-ilma b'mod sostenibbli mis-setturi ekonomiċi u ċ-ċittadini tal-UE, u JISTIEDEN lill-Istati Membri biex jimplimentaw miżuri fejn xieraq li jippromwovu l-użu effiċjenti tal-ilma fis-setturi ekonomiċi rilevanti kollha, fost l-oħrajn billi:
- Jiġi żgurat li l-politiki tal-ipprezzar tal-ilma jipprovdu inċentivi adegwati għall-utenti biex jużaw ir-riżorsi tal-ilma b'mod effiċjenti;
 - Isir investiment fit-tnaqqis tat-telfien u t-tnixxija tal-ilma;
 - Jittejbu s-sistemi għall-allokazzjoni tal-ilma, inkluż l-implimentazzjoni tal-kontijiet tal-ilma;
 - Tinħoloq u tiġi żviluppata infrastruttura tal-provvista tal-ilma komplementari, filwaqt li jitqiesu l-miżuri rilevanti għall-prevenzjoni u l-adattament għall-iskarsezza tal-ilma u n-nixfiet kif ukoll il-promozzjoni tal-effiċjenza tal-ilma u l-immaniġġar tad-domanda tal-ilma;
 - Jiġu promossi teknoloġiji u prattiki innovattivi li jippermettu użu u użu mill-ġdid sostenibbli u effiċjenti tal-ilma, inkluż għal sistemi tal-irrigazzjoni, l-agrikoltura, l-industrija u t-turiżmu;
 - Jiġi promoss l-użu ta' għodod għall-valutazzjoni tal-ispejjeż taċ-ċiklu tal-ħajja, inkluż permezz tal-akkwist pubbliku;

- Tiżdied is-sensibilizzazzjoni tal-utenti għall-hteġa li jiġi ottimizzat l-użu tal-ilma, biex b’hekk tissaħħaħ il-kultura tal-iffrankar tal-ilma;
 - Jiġi approfondit l-għarfien u jitjiebu l-ġbir u l-analiżi tad-data, inkluż dwar l-impatt tat-tibdil fil-klima u dwar is-sistemi ta' twissija bikrija;
 - Tittejjeb il-governanza tal-ilma fuq l-iskala lokali u f’dik tal-baċin;
9. JENFASIZZA li l-użu mill-ġdid tal-ilma, flimkien ma’ miżuri oħra ta' ffrankar u ta' effiċjenza, jistgħu jkunu strument importanti biex jindirizzaw l-iskarsezza tal-ilma u jadattaw għat-tibdil fil-klima bħala parti minn immaniġġar integrat tal-ilma; JISTIEDEN lill-Istati Membri biex jieħdu miżuri biex jippromwovu prattiki tal-użu mill-ġdid tal-ilma, filwaqt li jittieħed kont tal-kundizzjonijiet reġjonali fejn adatt u filwaqt li jiġi żgurat livell għoli ta’ protezzjoni għas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent, għaliex l-użu mill-ġdid tal-ilma jista’ jwassal ukoll għal benefiċċji f’termini ta’ ffrankar ekonomiku, il-protezzjoni ambjentali, l-istimular tal-investimenti f’teknoloġiji ġodda u l-ħolqien ta' impjiegi ekoloġiċi; JISĦAQ li ilma mormi urban trattat tajjeb jista’ jerġa’ jintuża għal diversi skopijiet fis-settur tal-agrikoltura, l-applikazzjonijiet industrijali, l-iżvilupp urban sostenibbli u l-protezzjoni tal-ekosistemi; u JINNOTA b’interess l-intenzjoni tal-Kummissjoni li fl-2017 tippreżenta proposta dwar ir-rekwiżiti minimi ta' kwalità għal ilma li jintuża mill-ġdid fl-UE;
10. JISSOTTOLINJA li l-ippjanar tajjeb u l-immaniġġar sostenibbli tal-ilma b’konnessjoni mal-baċini tax-xmajjar, ir-riskju tal-ġhargħar u n-nixfiet huma komponenti essenzjali tal-iżvilupp sostenibbli, u għalhekk jeħtieġ l-involviment effettiv tal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, inkluż mhux biss gvernijiet iżda wkoll is-soċjetà ċivili, ir-riċerkaturi u s-settur privat;
11. JENFASIZZA li l-ilmijiet tal-kosta u tal-baħar huma soġġetti wkoll għal pressjonijiet fuq il-baħar u fuq l-art u JISTIEDEN lill-Istati Membri biex jippreżentaw u jimplimentaw malajr kemm jista’ jkun Programmi ta’ Miżuri skont l-MSFD li huma ambizzjużi u konsistenti mal-Programm ta' miżuri tad-WFD, u l-Pjanijiet ta’ Mmaniġġar tal-Baċin tax-Xmara (RBMPs), kif ukoll mal-Pjanijiet ta' Ġestjoni tar-Riskju ta' Ġhargħar (FRMPs), u b’hekk isir progress fil-ksib ta’ status ambjentali tajjeb tal-ilmijiet tal-baħar sal-2020;

12. JENFASIZZA l-importanza tat-tiżhij tal-kooperazzjoni transkonfinali dwar l-ilma abbażi tas-sussidjarjetà, il-proporzjonalità u r-reċiproċità kemm fl-UE kif ukoll bejn l-UE u l-pajjiżi mhux tal-UE, kif ukoll bejn il-Kummissjonijiet tax-Xmajjar jew tal-Baċini tax-Xmajjar u tal-Baħar, u ma' atturi rilevanti oħra li jitrattaw l-użu sostenibbli tal-ilma u l-immaniġġar tal-ilma, l-iskarsezza tal-ilma, l-ġhargħar u n-nixfiet;
13. JISTIEDEN lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex
- jaħdmu flimkien biex jimplimentaw strumenti legiſlattivi u mhux legiſlattivi tal-UE relatati mal-ilma, politiki u standards eżistenti b'mod koerenti;
 - jużaw approċċi innovattivi, ibbażati fuq ix-xjenza u mmirati sabiex jiġu żgurati l-użu sostenibbli u l-immaniġġar tar-riżorsi tal-ilma u jipproteġu u jtejbu l-istatus tal-ambjent akwatiku fl-UE;
14. JENFASIZZA l-importanza ta' interazzjoni effiċjenti u l-koerenza bejn Direttivi rigward il-politika dwar l-ilma;
15. JISSOTTOLINJA li d-WFD u l-FD huma l-istrumenti ewlenin relatati mal-ilma biex jindirizzaw l-impatti tat-tibdil tal-klima fuq il-kwantità u l-kwalità tal-ilma u jimplimentaw il-miżuri għall-adattament;
16. JINNOTA li d-WFD ser tiġi riveduta mill-Kummissjoni fl-2019 u għaldaqstant iż-żmien disponibbli għat-tħejjija huwa qasir; u JAPPELLA lill-Kummissjoni biex taħdem mal-Istati Membri biex, ferm qabel ir-reviżjoni tad-WFD fl-2019, tiżviluppa alternattivi f'waqthom u legalment sodi biex tippermetti implimentazzjoni nazzjonali kontinwa u ambizzjuża mill-2027 'il quddiem, filwaqt li jittieħed kont tal-isfidi prevalenti u ġodda għall-ippjanar tal-immaniġġar tal-ilma.
-